MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2015

Numru. 55/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Clayton Fenech**

**(ID 461189(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Clayton Fenech, ta' 25 sena, iben Joseph u Maria Dolores nee` Cassar, imwieled il-Pieta` nhar l-4 ta' Ottubru 1989, residenti 61, Triq l-Isptar Antik, Valletta, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 461189(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-24 ta' Frar 2015 u fil-gimghat ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) U aktar talli sar recidiv wara sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar id-19 ta’ Settembru 2010 mill-Magistrat Dr. G. Grixti LL.D. u nhar il-15 ta’ April 2010 mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D., liema decizjonijiet saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u min-naha l-ohra l-fedina penali aggornata tieghu, liema fedina penali tinkludi kundanni dwar serq aggravat u attentat ta’

serq aggravat (f'zewg okkazzjonijiet), hsara volontarja (fi tlett okkazzjonijiet) u pussess tar-raza tal-*cannabis*, kif ukoll talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza. Dwar dawn huwa nghata sentenza ta' prigunerija sospiza f'zewg okkazzjonijiet, piena pekunjarja, liberazzjoni kundizzjonata u sentenza ta' tmintax-il xahar prigunerija effettiva u permezz ta' din l-ahhar sentenza, ingiebet ukoll fis-sehh sentenza ta' prigunerija sospiza.

Qieset ukoll illi fil-pussess tieghu, l-imputat kellu erba' boroz jew kantunieri tal-boroz tal-*plastic* li kienu jikkontjenu d-droga eroina u hames boroz jew kantunieri tal-boroz tal-*plastic* ohrajn li kienu jikkontjenu d-droga kokajina. B'kollox ghalhekk l-imputat kellu disa' boroz bid-droga.

Il-Qorti qieset ukoll is-suggeriment maghmul lilha mill-partijiet dwar il-piena u illi fic-cirkostanzi jidhrilha illi din il-piena hija wahda idonea. Ghal fini ta' piena, il-Qorti applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-piena karcerarja u pekunjarja tassattiva applikabbli ghall-imputazzjonijiet (a) u (b).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17 (b) u (f) u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal **piena ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt Euro (€900)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi

konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Stante illi ma gew mahtura l-ebda esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, esebita bhala parti minn Dok. PG3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

In oltre ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tas-somma ta' hamsa u sittin Euro (€65) esebita bhala parti minn Dok. PG3, favur il-Gvern ta' Malta.

Tirrileva u tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-hati jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga u tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------